MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2011

Numru. 459/2010

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR ANGELO GAFA'**
**KONTRA**

**VICTOR PACE**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Victor Pace ta' 47 sena, bin John u Helen nee' Micallef, mwieled Pieta' fit- 28 ta' Dicembru 1963, residenti Block M3, Flat 5, Bini tal- Gvern, B' Kara u detnetur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 83563M;

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet;

Talli;

1) F’ dawn il- Gzejjer, bejn l- 20 ta’ Ottubru 2009 u l- 31 ta’ Dicembru 2009, b’ diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l- istess disposizzjoni tal- Ligi u li gew maghmula b’ risoluzzjoni wahda, talab, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi haddiehor bil- ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa fuq il- mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fis- Sub Titolu IV u tat- Titolu III tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta;

2) Kif ukoll talli b’ hekk sar recidiv ai terminu tal-ARtikolu 49 tal- Kodici Kriminali b’ sentenza moghtija mill-Qorti tal- Appell Kriminali datata 19 ta’ Ottubru 2006 kif ukoll permezz ta’ sentenza moghtija mill- Qorti tal-Magistrati datata 22 ta’ Gunju 2006.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xiehda prodotti;

Rat in-nota tal-Avukat Generali, li permezz taghha hu ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza titmexxa b’mod sommarju minn din il-Qorti;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-smigh tal-provi u ghas-sentenza f’din il-kawza;

**Ikkunsidrat;**

Illi r-rapport li sar lill-Pulizija u li wassal ghal dawn il-proceduri kien is-segwenti. Mario Camilleri u Victor Pace kienu saru jafu lil xulxin meta t-tnejn kienu detenuti fil-Facilita’ Korrettiva. F’Ottubru 2009, filwaqt li Pace kien gie

rilaxxat u Camilleri kien ghadu detenut fil-Forensic Ward tal-isptar Monte Carmeli, Pace kien mar izuru u kien allegatament qal lil Camilleri li seta' jirrangalu biex jinghata permess u jkun jista' johrog fil-gnien waqt li kien ghadu mizmum l-isptar, u dan ghall-hlas ta' elf xi haga, minghajr ma gie pprecizat elf ta' xiex. Sussegwentement, f'Dicembru Pace rega' mar jara lil Camilleri u rega' talbu xi hlas, izda Camilleri rrifjuta li jhallas u ghamel rapport lill-Awtoritajiet tal-habs, u dawn ghaddew ir-rapport lill-Pulizija. B'hekk inghata bidu ghal din il-kawza.

Il-provi prodotti f'dawn il-proceduri huma kollha centrati fuq il-veracita' o meno tar-rapport maghmul minn Camilleri, li fil-fehma tal-Qorti ghandu difett ta' kredibilita' konsiderevoli, u li ghalhekk inaqqas mis-sahha tal-kaz tal-Prosekuzzjoni. Dan qed jinghad ghal zewg ragunijiet. Fl-ewwel lok, hija storja inverosimili li Pace seta' kellu l-poter li jaf lin-nies biex jikkorrompi ufficjal tal-isptar u jirranga ghal permess ghal Camilleri biex johrog fil-gnien. Diga' l-istorja fiha nfisha kienet implawsibbli ghall-ahhar. It-tieni, Camilleri stess ma kkonfermax ir-rapport tieghu meta' gie biex jixhed quddiem il-Qorti. Hu gab skuza li ma kienx jaf x'inhu jghid meta ghamel ir-rapport, peress illi kien l-isptar ghall-kura u kien taht medicini li setghu fixkluh. Ghalhekk fil-Qorti ma kkonfermax ir-rapport maghmul minnu, izda qal li nesa hafna minn dak li kien gralu meta kien rikoverat l-isptar.

Il-kumplament tal-provi ma setghu jwasslu mkien dwar dan ir-rapport. Gew esebiti diversi dokumenti li juru li kien sar rapport mill-awtoritajiet, u li l-Pulizija mexxiet l-investigazzjoni taghha fuq l-istess rapporti. Hu minnu li Pace kin kellem lil Camilleri f'Ottubru 2009, u pprova jerga' jkellmu f'Dicembru tal-2009, izda ghal dak li hu l-mertu tal-kaz, hija biss il-kelma ta' Camilleri kontra dik tal-imputat. Ix-xhieda l-ohra jikkonfermaw biss l-inkontri bejn il-partijiet, minghajr izda ma jikkonfermaw il-kontenut.

Min-naha tieghu, Pace jaqbel li kien iltaqa' ma' Camilleri fil-Forensic Ward tal-isptar, izda jinnega li qatt talbu flus biex jirrangalu ghal xi permess. Hu jghid li lil Camilleri kien talbu senserija talli sablu dar ghat-tifla tieghu w ir-ragel

taghha, liema dar kienet bil-kera. Di fatti gie esebit dan il-kuntratt ta’ kera li juri li t-tifla ta’ Camilleri u r-ragel taghha krew dar f’ B’Kara f’Jannar 2008. Fuq dak il-kuntratt Pace ma jidherx bhala sensar, izda dan bl-ebda mod ma jfisser li hu ma setax kellu sehem fil-ftehim indikat. Il-Qorti tara li hija possibbli li Pace kien imwieghed xi forma ta’ rigal bhala senserija, u hija possibbli li dan kien ghadu ma thallasx kollu sa Dicembru 2009, jigifieri kwazi sentejn wara. Il-Qorti ghalhekk tara li l-verzjoni moghtija minn Pace, ikkonfermata minnu anke fl-istqarrija tieghu, hija aktar verosimili minn dik moghtija minn Camilleri, li fuq il-pedana tax-xhieda nesa kwazi kollox.

Ghalhekk, tenut kont ta’ dawn ic-cirkostanzi, il-Qorti ma tistax temmen xhud li a tempo vergine jaghti verzjoni mod, u quddiem il-Qorti jghid li ma jiftakar xejn. Peress illi dak kien ix-xhud ewlieni fil-kaz, dan ma jistax iwassal ghal sejbien ta’ htija fl-imputat.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 18, 121A (2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ma ssibx lill- imputat hati u ghaldaqstant tilliberah.

Il-Qorti fissret fi kliem car il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------